*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,962, 14 ta' Ġunju, 1994*
*Taqsima C*

# Nru. 105

14. 6. 94

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Frendo, M.P., Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, u moqri għall-ewwel darba fis-Seduta tas-16 ta' Mejju, 1994.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, Kap. 254.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Frendo, M.P., Minister for Transport, Communications and Technology, and read the First time at the Sitting of the 16th May, 1994.

**AN ACT to amend the Post Office Act, Cap. 254.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### imsejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, Kap. 254.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 254.

**2.** Wara t-tieni proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso li ġej: Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

"Iżda wkoll meta l-*Postmaster-General* ikun sodisfatt li oġġett postali li jkun indirizzat lil persuna li jkollha jedd bil-liġi li tipprovdi servizzi ta' xandir bit-televiżjoni f'Malta ikun jikkonsisti f'materjal awdjoviżiv li jkun ġie impustat jew mibgħut bil-posta bil-għan biss li jixxandar fuq it-televiżjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir u ta' kull regolament magħmul jew liċenza maħruġa taħt dak l-Att, hija għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att, tikkonsinna dak l-oġġett postali lil min ikun indirizzat mingħajr ebda eżami jew ċensura oħra.".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex jiffaċilita l-ħdim ta' stazzjonijiet tax-xandir bit-televiżjoni ta' Malta billi jiżgura li l-programmi televiżivi minnhom murija ma jkunux suġġetti għal iktar minn sistema waħda ta' klassifika jew ċensura.

## A BILL

### entitled

*AN ACT to amend the Post Office Act, Chapter 254.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title. Cap. 254.

**1.** This Act may be cited as the Post Office (Amendment) Act 1994, and shall be read and construed as one with the Post Office Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 27 of the principal Act.

**2.** After the second proviso to subsection (1) of section 27 of the principal Act there shall be added the following proviso:

"Provided further that when the Postmaster General is satisified that a postal article addressed to a person legally entitled to provide television broadcasting services in Malta consists of audiovisual material which has been posted or sent by post only for the purpose of its being broadcast on television according to the provisions of the Broadcasting Act and of any regulations made or licence issued thereunder, he shall, notwithstanding the provisions of this section and of section 26 of this Act, deliver such postal article to the addressee without further examination or censorship.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is the facilitation of the operation of Maltese television broadcasting stations by ensuring that television programmes shown by them will not be subject to more than one system of classification or censorship.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — *Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 3c -*Price 3c*